MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2006

Rikors Numru. 223/2005

**Fl-atti ta’ citazzjoni numru 1505/93 AM deciza fis-26 ta’ Mejju 1995 fl-ismijiet:**

**Joseph M Formosa ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Lohombus Corporation Limited u b’digriet tas-27 ta’ Settembru 1994 l-atti tal-kawza gew legittimati f’isem Victor Sciberras Grioli ghan-nom u in rappresentanza ta’ l-Awotrita’ tad-Djar**

**vs**

**Mario Debattista**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tal-Awtorita’ tad-Djar fejn gie premess:

Illi l-kawza fl-ismijiet premessi giet deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-26 ta’ Mejju, 1995 u fl-istess kawza il-Qorti laqghet it-talba tal-atturi u kkundannatu jhallas lill-Awtorita’ tad-Djar is-somma ta’ Lm5543.78,2 (hamest elef hames mija tletia u erbghin liri maltin, tmienja u sebghin centezmu u zewg millezmi), bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Illi mill-imsemmija somma il-konvenut hallas biss Lm630.03 (sitt mija u tletin liri maltin u tliet centezmi) u ghalhekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm 346.93 (tliet mija sitta u erbghin liri maltin u tlieta u disghin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument “A” kif ukoll Lm3718.72 (tlett elef seba’ mija u tmintax-il lira maltija u tnejn u sebghin centezmu u zewg millezmi), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi ghaddew aktar minn hames snin mid-data tas-sentenza tal-imsemmija Onorabbli Qorti u r-rikorrenti ghad ghandha interess fl-ezekuzzjoni tal-imsemmija sentenza billi tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut;

Ghalhekk ir-rikorrenti, filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta’ Malta, qed titlob li dina l-Qorti tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati;

Rat li l-intimat debitament notifikat naqas li jidher u naqas li jirrispondi ghat-talba tal-Awtorita’ rikorrenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors;

Semghet ix-xhud prodott mir-rikorrenti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2005;

Ikkonsidrat:

It-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha tal-Awtorita’ rikorrenti bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------